

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla r-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008; iktar preċiżament il-parti ta' dan ir-rapport li hija stabbilita mill-EUROSTAT għal dan l-istess perjodu.
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-73/11)

(2011/C 282/101)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues, C. Bernard-Glanz u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jgħix aċċettat għal-istadju tat-testijiet ta' evalwazzjoni tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/181/10.

Talbiet tar-rikorrent

Ir-rikorrent jitlob li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea jogħġbu:

- jannulla d-deċiżjoni tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (iktar 'il quddiem l-“EPSO”) tal-20 ta' Awwissu 2010 u tal-15 ta' Settembru 2011, li tinformah li huwa ma kienx ġie aċċettat għall-istadju tat-testijiet ta' evalwazzjoni tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/181/10 (iktar 'il quddiem: id-“deċiżjoni kkontestata”);
- kif ukoll, u sa fejn huwa meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni tal-EPSO tal-15 ta' April 2011, li tiċħad l-ilment tiegħu tal-10 ta' Novembru 2010 kontra d-deċiżjoni kkontestata (iktar 'il quddiem: id-“deċiżjoni ta' ċaħda”);
- konsegwentement, jordna r-riintegrazzjoni tiegħu fil-proċess ta' selezzjoni, jekk meħtieġ permezz tal-implementazzjoni ta' sessjoni ġdida ta' testijiet;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-19 ta' Lulju 2011 — Putterie vs Il-Kummissjoni(Kawża F-31/07 RENV) ⁽¹⁾

(2011/C 282/102)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża minħabba li ntlaħaq ftehim bonarju.

⁽¹⁾ ĠU C 117, 26.05.2007, p. 38.